

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-19 ta' Diċembru 2006

li temenda d-Deċiżjoni 90/424/KEE dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju

(2006/965/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽²⁾,

Billi:

(1) Il-Komunità tikkofinanzja l-attivitajiet ta' l-Istati Membri dwar il-qerda, il-kontroll u l-monitoraġġ tal-mard ta' l-annimali u taż-żoonosi abbażi ta' programmi annwali approvati skond ir-rekwiżiti u l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 24 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju ⁽³⁾.

(2) Reviżjoni tal-proċeduri għall-kofinanzjament Komunitarju tal-programmi ta' qerda, kontroll u monitoraġġ tal-mard ta' l-annimali u taż-żoonosi, b'kont meħud b'mod partikolari ta' l-esperjenza miksuba mill-ħidma mwettqa mit-*Task Force* għall-monitoraġġ tal-qerda tal-mard fl-Istati Membri stabbilit skond l-azzjoni 29 tal-*White Paper* dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel, uriet li approċċ pluriennali għal dawn il-programmi u lista ġdida ta' mard u ta' żoonosi iwasslu għal riżultati aħjar. Approċċ pluriennali għall-programmi ta' qerda, kontroll u monitoraġġ tal-mard ta' l-annimali u taż-żoonosi jiżgura kisba aktar effiċjenti u effikaċi ta' l-oġġettivi ta' dawk il-programmi u jkun jipprovdi għal ġestjoni aħjar u aktar trasparenti u ta' verifika finanzjarja aħjar, u b'hekk tiżdied l-effikaċja ta' l-użu tal-fondi Komunitarji. Għalhekk, huwa xieraq li jiġu emendati d-dispożizzjonijiet li jirregolaw dawk il-programmi sabiex jinkludu l-possibbiltà ta' finanzjament tal-programmi pluriennali.

(3) Dik ir-reviżjoni wriet ukoll li lista b'numru limitat ta' mard ta' l-annimali u ta' żoonosi eliġibbli għall-kofinanzjament iżżid l-effiċjenza u l-effikaċja tal-programmi ta' qerda, kontroll u monitoraġġ. Huwa kunsiljabbli li l-lista ta' mard u ta' żoonosi li tirrifletti l-prijoritajiet Komunitarji u li l-qerda tagħhom tibbenefika mill-kontribut finanzjarju Komunitarju tiġi stabbilita b'kont meħud ta' l-impatt potenzjali ta' tali mard u żoonosi fuq is-saħħa pubblika u fuq il-kummerċ internazzjonali u intra-Komunitarju ta' l-annimali jew tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali. Huwa kunsiljabbli li d-dispożizzjonijiet speċifiċi għall-kontroll taż-żoonosi għalhekk jiġu mħassra. Huwa meħtieġ li jkun hemm l-possibbiltà li tiġi emendata l-lista bil-proċedura ta' komitoloġija sabiex tiegħu kont ta' mard ta' l-annimali li jkun qed jifacċa jew ta' evidenza epidemjoloġika u xjentifika ġdida.

(4) Sabiex tiġi ssimplifikata l-proċedura għall-approvazzjoni tal-programmi ta' qerda, kontroll u monitoraġġ ippreżentati mill-Istati Membri lill-Kummissjoni, huwa kunsiljabbli li jsir provvediment għal deċiżjoni waħda li tapprova l-programmi li jikkwalifikaw għal kontribut finanzjarju Komunitarju sabiex tissostitwixxi ż-żewġ deċiżjonijiet meħtieġa bħalissa, waħda li telenka l-programmi li jikkwalifikaw għal kontribut finanzjarju u t-tieni dwar l-approvazzjoni tal-programmi.

(5) Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tissorvelja l-implimentazzjoni tal-programmi, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw regolarment lill-Kummissjoni dwar l-attivitajiet li jkunu twettqu, dwar ir-riżultati miksuba u n-nefqa li tkun saret.

(6) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/638/KEE tas-27 ta' Novembru 1990 li tistabbilixxi l-kriterji tal-Komunità għall-qerda u l-monitoraġġ ta' ċertu mard ta' l-annimali ⁽⁴⁾ tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi u ta' informazzjoni għall-programmi ta' qerda, kontroll u monitoraġġ li għalihom huwa mitlub finanzjament Komunitarju. Huwa meħtieġ li dawk ir-rekwiżiti u l-informazzjoni tekniċi jiġu aġġornati u aġġustati b'mod regolari u fil-ħin sabiex jaqblu mal-progress tekniku u xjentifiku u r-reazzjonijiet mill-esperjenza fl-implimentazzjoni tal-programmi. Huwa għalhekk xieraq li l-Kummissjoni tkun tista' tadotta, u taġġorna kif meħtieġ, dawk il-kriterji tekniċi. Huwa kunsiljabbli li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/638/KEE tiġi mħassra kif meħtieġ.

⁽¹⁾ Opinjoni tat-12.12.2006 (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ Opinjoni tas-26.10.2006 (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽³⁾ ĠU L 224, 18.8.1990, p. 19. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni 2006/782/KE (ĠU L 328, 24.11.2006, p. 57).

⁽⁴⁾ ĠU L 347, 12.12.1990, p. 27. Deċiżjoni kif emendata bid-Direttiva 92/65/KEE (ĠU L 268, 14.9.1992, p. 54).

- (7) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/292/KE tat-30 ta' Marzu 2004 dwar l-introduzzjoni tas-sistema Traces ⁽¹⁾ tistabbilixxi l-integrazzjoni tas-sistemi kompjuterizzati li kienu jeżistu qabel (*Animo* u *Shift*) fis-sistema l-għdida. Huwa għalhekk xieraq li jittieħed kont ta' l-iżviluppi tekniċi miksuba fil-kompjuterizzazzjoni tal-proċeduri veterinarji u li jsir provvediment għar-riżorsi meħtieġa għall-*hosting*, ġestjoni u manutenzjoni tas-sistemi veterinarji kompjuterizzati integrati b'kont meħud ta' l-eżistenza ta' *databases* nazzjonali, fejn xieraq.
- (8) L-attivitajiet ta' ġbir ta' informazzjoni huma meħtieġa sabiex jippermettu żvilupp u implimentazzjoni aħjar tal-leġislazzjoni fl-oqsma tas-saħħa ta' l-annimali u tas-sigurtà ta' l-ikel. Barra minn hekk, hemm hteġġa urġenti ta' disseminazzjoni b'mod wiesa' kemm jista' jkun fil-Komunità kollha ta' informazzjoni rigward il-leġislazzjoni dwar is-saħħa ta' l-annimali u s-sigurtà ta' l-ikel. Huwa għalhekk mixtieq li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni 90/424/KEE sabiex jinkludi l-finanzjament tal-politika ta' informazzjoni fil-qasam tal-protezzjoni ta' l-annimali għas-saħħa ta' l-annimali u s-sigurtà ta' l-ikel fil-prodotti li joriġinaw mill-annimali.
- (9) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/53/KE li temenda d-Deċiżjoni 90/424/KEE tistabbilixxi li għandu jingħata kontribut finanzjarju Komunitarju għall-miżuri ta' qerda mwettqa mill-Istati Membri għall-ġlieda kontra l-influenza avjarja. Huwa kunsiljabbli li din il-kontribuzzjoni tkopri wkoll l-ispejjeż li jkunu saru mill-Istati Membri bħala kumpens lis-sidien għat-telfiet tagħhom minħabba l-qerda tal-bajd.
- (10) Addizzjonalment, id-Deċiżjoni 90/424/KEE tipprovdi li għandha tingħata assistenza teknika u xjentifika lill-Istati Membri għall-iżvilupp ta' leġislazzjoni u taħriġ veterinarju Komunitarju. B'kont meħud ta' l-esperjenza tal-passat, huwa mixtieq li tiġi estiża l-possibbiltà għal din l-assistenza għall-organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa ta' l-Annimali (OIE) u l-Organizzazzjoni għall-Ikel u l-Agricoltura (FAO).
- (11) Għall-finijiet ta' ċarezza, huwa wkoll xieraq li tiġi modifikata d-Deċiżjoni 90/424 sabiex kwalunkwe Stat Membru jkun jista' jinforma lill-Kummissjoni li huwa jinsab taħt theddida diretta minn tifqigħa tal-mard ta' l-annimali f'pajjiż terz jew fi Stat Membru ieħor u li jkun hemm estensjoni tal-mard ta' l-annimali msemmi fl-Artikolu 6 ta' dik id-Deċiżjoni għal dak previst fl-Anness.
- (12) Id-Deċiżjoni 90/424/KEE għandha għalhekk tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 90/424/KEE hija emendata kif ġej:

- 1) Fl-Artikolu 1, it-tielet inċiż jinbidel b'dan li ġej:

“— programmi għall-qerda, kontroll u monitoraġġ ta' mard ta' l-annimali u taż-żoonosi”.

- 2) Fl-Artikolu 3a, il-paragrafu 3, l-ewwel inċiż jinbidel b'dan li ġej:

“— 50 % ta' l-ispejjeż li jkunu saru mill-Istati Membri għall-kumpens tas-sidien tal-bhejjem għall-qtill ta' tjur u ta' għasafar oħrajn miżmuma fil-maġhluq u l-valur tal-bajd li jkun inqered.”.

- 3) Fl-Artikolu 6, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

“1. Fejn Stat Membru ikun suġġett għal theddida diretta li sseħħ jew tiżviluppa, fit-territorju ta' pajjiż terz jew ta' Stat Membru, waħda mill-mardiet imsemmija fl-Artikolu 3(1), 3a(1), 4(1) u (2), 11(1) jew fl-Anness, dan għandu jinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn bil-miżuri li huwa jkollu l-ħsieb li jadotta għall-protezzjoni tiegħu.”.

- 4) It-Titolu I tal-Kapitolu 3 jinbidel b'dan li ġej:

“Politika ta' informazzjoni għas-saħħa ta' l-annimali, għat-trattament xieraq ta' l-annimali u għas-sigurtà ta' l-ikel”.

- 5) L-Artikolu 16 jinbidel b'dan li ġej:

“Artikolu 16

Il-Komunità għandha tagħmel kontribut finanzjarju għat-twaqqif ta' politika ta' informazzjoni fil-qasam tas-saħħa ta' l-annimali, tat-trattament xieraq ta' l-annimali u tas-sigurtà ta' l-ikel fil-prodotti li joriġinaw mill-annimali, inklużi:

⁽¹⁾ ĠU L 94, 31.3.2004, p. 63. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2005/123/KE (ĠU L 39, 11.2.2005, p. 53).

- (a) l-installazzjoni u l-iżvilupp ta' għodod ta' l-informazzjoni, inkluża *database* xierqa għal:
- (i) il-ġbir u l-ħażna ta' kull informazzjoni relatata mal-leġislazzjoni Komunitarja li tikkonċerna s-saħħa ta' l-annimali, it-trattament xieraq ta' l-annimali u s-sigurtà ta' l-ikel fil-prodotti li joriġinaw mill-annimali;
- (ii) id-disseminazzjoni ta' l-informazzjoni msemmija fil-punt (i) lill-awtoritajiet kompetenti, lill-produtturi u lill-konsumaturi, b'kont meħud ta' konnessjonijiet ma' *databases* nazzjonali fejn xieraq;
- (b) it-twettiq ta' l-istudji meħtieġa għat-thejġja u l-iżvilupp tal-leġislazzjoni fil-qasam tat-trattament xieraq ta' l-annimali.”.
- 6) L-Artikolu 19 jinbidel b'dan li ġej:
- “Il-Komunità tista' tieħu, jew tassisti lill-Istati Membri jew lill-organizzazzjonijiet internazzjonali sabiex jieħdu, il-miżuri tekniċi u xjentifiċi meħtieġa għall-iżvilupp ta' leġislazzjoni veterinarja Komunitarja u għall-iżvilupp ta' edukazzjoni veterinarja jew taħriġ veterinarju.”.
- 7) It-Titolu II jinbidel b'dan li ġej:
- “Programmi għall-qerda, kontroll u monitoraġġ tal-mard ta' l-annimali u taż-żoonosi”.
- 8) L-Artikolu 24 jinbidel b'dan li ġej:
- “*Artikolu 24*
1. Għandha tiġi introdotta miżura finanzjarja Komunitarja sabiex tiġi rimborżata n-nefqa mill-Istati Membri għall-finanzjament tal-programmi nazzjonali għall-qerda, kontroll u monitoraġġ tal-mard ta' l-annimali u taż-żoonosi elenkati fl-Anness ('programmi').
- Il-lista fl-Anness tista' tiġi emendata skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 41, b'mod partikolari fir-rigward ta' mard ta' l-annimali li jkun qed jitfaċċa li huwa ta' riskju għas-saħħa ta' l-annimali u, indirettament, għas-saħħa pubblika, jew fid-dawl ta' evidenza epidemjoloġika jew xjentifika ġdida.
2. Kull sena, sa mhux aktar tard mit-30 ta' April, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni l-programmi annwali jew pluriennali li jibdeu fis-sena ta' wara li għalihom huma jixtiequ li jirċievu kontribut finanzjarju mill-Komunità.
- Il-programmi li jiġu ppreżentati wara t-30 ta' April m'għandhomx ikunu eliġibbli għall-finanzjament is-sena ta' wara.
- Il-programmi ppreżentati mill-Istati Membri għandu jkun fihom mill-anqas dan li ġej:
- (a) deskrizzjoni tas-sitwazzjoni epidemjoloġika tal-marda qabel id-data tal-bidu tal-programm;
- (b) deskrizzjoni u demarkazzjoni taż-żona ġeografika u amministrattiva li fiha ser jiġi applikat il-programm;
- (c) it-tul ta' żmien probabbli tal-programm, il-miżuri li għandhom jiġu applikati u l-oġettiv li għandu jinkiseb sad-data tat-tmiem tal-programm;
- (d) analiżi ta' l-ispejjeż stmati u l-benefiċċji antiċipati tal-programm.
- Il-kriterji dettaljati, inklużi dawk li jinvolvu aktar minn Stat Membru wieħed, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 41.
- F'kull programm pluriennali ppreżentat mill-Istat Membru, l-informazzjoni meħtieġa skond il-kriterji msemmija f'dan il-paragrafu għandha tkun pprovduta għal kull sena li jdum il-programm.
3. Il-Kummissjoni tista' tistieden lil Stat Membru sabiex jippreżenta programm pluriennali jew sabiex jestendi kif meħtieġ it-tul ta' żmien ta' programm annwali li jkun ġie ppreżentat fejn il-programmazzjoni pluriennali titqies meħtieġa sabiex jiġu żgurati l-qerda, il-kontroll u l-monitoraġġ aktar effiċjenti u effikaċji ta' marda partikolari, b'mod partikolari fir-rigward tar-riskji potenzjali għas-saħħa ta' l-annimali u, indirettament, għas-saħħa pubblika.
- Il-Kummissjoni tista' tikkoordina l-programmi reġjonali li jinvolvu aktar minn Stat Membru wieħed f'koperazzjoni ma' l-Istati Membri kkonċernati.
4. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-programmi ppreżentati mill-Istati Membri kemm mil-lat veterinarju kif ukoll minn dak finanzjarju.
- L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni addizzjonali rilevanti li din ta' l-aħħar tkun teħtieġ għall-valutazzjoni tagħha tal-programm.
- Il-perjodu għall-ġbir ta' l-informazzjoni kollha fir-rigward tal-programmi għandu jintemm fil-15 ta' Settembru ta' kull sena.

5. Kull sena sa mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru, għandu jiġi approvat dan li ġej skond il-proċedura msemija fl-Artikolu 42:

- (a) il-programmi, fejn xieraq emendati sabiex jieħdu kont tal-valutazzjoni prevista fil-paragrafu 4;
- (b) il-livell tal-kontribut finanzjarju mill-Komunità;
- (c) il-limitu massimu tal-kontribut finanzjarju mill-Komunità;
- (d) kwalunkwe kondizzjoni li għaliha jista' jkun suġġett il-kontribut finanzjarju mill-Komunità.

Il-programmi għandhom jiġu approvati għal mhux aktar minn sitt snin.

6. L-emendi tal-programmi għandhom jiġu approvati skond il-proċedura msemija fl-Artikolu 42.

7. Għal kull programm approvat l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni r-rapporti li ġejjin:

- (a) rapporti tekniċi u finanzjarji intermedji;
- (b) sa mhux aktar tard mit-30 ta' April ta' kull sena, rapport annwali tekniku dettaljat li jinkludi l-valutazzjoni tar-riżultati miksuba u rendikont dettaljat tan-nefqa li tkun saret għas-sena ta' qabel.

8. L-applikazzjonijiet għal pagamenti relatati man-nefqa li tkun saret minn Stat Membru fir-rigward ta' programm partikolari għas-sena preċedenti għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni sa mhux iktar tard mit-30 ta' April.

Fil-każ ta' applikazzjonijiet għal pagamenti li jsiru tard, il-kontribut finanzjarju Komunitarju għandu jitnaqqas b'25 % fl-1 ta' Ġunju, 50 % fl-1 ta' Awissu, 75 % fl-1 ta' Settembru u 100 % fl-1 ta' Ottubru ta' dik is-sena.

Sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ottubru ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar il-pagament Komunitarju b'kont meħud tar-rapporti tekniċi u finanzjarji ppreżentati mill-Istat Membru skond il-paragrafu 7.

9. L-esperti tal-Kummissjoni jistgħu jwettqu kontrolli fuq il-post fkoperazzjoni ma' l-awtorità kompetenti, sakemm dan ikun meħtieġ sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi ta' din id-Deċiżjoni skond l-Artikolu 45 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa sabiex tiġi żgurata l-verifika tal-konformità mal-liġi ta' l-għalf u l-ikel, mar-regoli dwar is-saħħa ta' l-annimali u t-trattament tajjeb ta' l-annimali (*).

Fit-tweġiq ta' tali kontrolli, l-esperti tal-Kummissjoni jistgħu jkun assistiti minn grupp ta' esperti stabbilit skond il-proċedura msemija fl-Artikolu 41.

10. Għandhom jiġu adottati regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu skond il-proċedura msemija fl-Artikolu 41.

11. L-Istati Membri jistgħu jallokaw fondi fi ħdan il-programmi operattivi mfassla skond l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006 (**), għall-qerda tal-mard fl-annimali ta' l-akkwakultura msemija fl-Anness.

Il-fondi għandhom jiġu allokatu skond il-proċeduri stabbiliti f'dan l-Artikolu, bl-aġġustamenti li ġejjin:

- (a) ir-rata ta' l-għajjn għandha tkun skond ir-rata stabbilita fir-Regolament (KE) Nru 1198/2006;
- (b) il-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu m'għandux japplika.

L-attivitajiet ta' qerda għandhom jitwettqu skond l-Artikolu 38(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE ta' l-24 ta' Ottubru 2006 dwar il-ħtiġiet tas-saħħa ta' l-annimali għall-annimali ta' l-akkwakultura u l-prodotti tagħhom, u dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard f'annimali akkwatiċi (***), jew taħt programm ta' qerda mfassal, approvat u mwettaq skond l-Artikolu 44 (2) ta' dik id-Direttiva.

(*) ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1; verżjoni korretta fil-ĠU L 191, 28.5.2004, p. 1.

(**) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 tas-27 ta' Lulju 2006 dwar Fond Ewropew għas-Sajd (ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1).

(***) ĠU L 328, 24.11.2006, p. 14."

9) L-Artikolu 26 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 26

L-impenji baġitarji Komunitarji għall-kofinanzjament tal-programmi għandhom jitwettqu kull sena. L-impenji tan-nefqa għall-programmi pluriennali għandhom jiġu adottati skond l-Artikolu 76(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (*). Għall-programmi pluriennali, l-ewwel impenn baġitarju għandu jsir wara l-approvazzjoni tagħhom. Kull impenn sussegwenti għandu jsir mill-Kummissjoni abbażi tad-deċiżjoni li tingħata kontribuzzjoni msemija fl-Artikolu 24(5).

(*) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1."

10) L-Artikoli 29, 29a, 32 u 33 huma mħassra.

Artikolu 2

11) Fl-Artikolu 37a(1) jinbidel b'dan li ġej:

“1. Jista' jingħata kontribut finanzjarju Komunitarju għall-kompjuterizzazzjoni tal-proċeduri veterinarji relatati ma’:

(a) kummerċ intra-Komunitarju, u importazzjonijiet, ta' annimali ħajjin u ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali

(b) *hosting*, ġestjoni u manutenzjoni tas-sistemi veterinarji kompjuterizzati integrati, inklużi konnessjonijiet ma' *databases* nazzjonali, fejn xieraq.”.

Artikolu 3

Id-Deċiżjoni 90/638/KEE hija b'dan imħassra mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni li tistabbilixxi l-kriterji msemmija fir-raba' subparagrafu ta' l-Artikolu 24(2) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE u r-regoli dettaljati msemmija fl-Artikolu 24(10) ta' dik id-Deċiżjoni.

Għall-programmi approvati qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, għandhom ikomplu japplikaw id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Deċiżjoni 90/424/KEE qabel ma din ġiet emendata b'din id-Deċiżjoni. Minkejja l-Artikolu 24(1), il-programmi għal-Lewkosi Bovina Enzootika u għall-marda ta' Aujeszky jistgħu jiġu ffinanzjati sal-31 ta' Diċembru 2010.

12) L-Artikolu 43a jinbidel b'dan li ġej:

“Artikolu 43a

Kull erba' snin il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar is-sitwazzjoni tas-saħħa ta' l-annimali u dwar l-effikaċja, fid-dawl ta' l-ispejjeż magħmula, ta' l-implimentazzjoni tal-programmi fid-diversi Stati Membri, inklużi dettalji dwar il-kriterji adottati.”.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar 19 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kunsill

Il-President

J. KORKEAOJA

13) L-Anness jinbidel bit-test fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni.

ANNEX

Mard ta' l-annimali u zoonosi

- Tuberkulosi bovina
 - Bruċellosi bovina
 - Bruċellosi ovina u kaprina (*B. melitensis*)
 - Bluetongue f'żoni endemiċi jew b'riskju għoli
 - Deni tal-ħnieżer Afrikan
 - Marda ta' l-inafet fil-ħnieżer
 - Deni klassiku tal-ħnieżer
 - Nekrożi ematopojetika infettiva
 - Anemija infettiva tas-salamun
 - Antraċe
 - Plewropnewmonite bovina kontaġjuża
 - Influenza avjarja
 - Rabja
 - Ekinokokkosi
 - Enċefalopatiji sponġiformi trasmissibbli (TSE)
 - Kampilobatterjosi
 - Listerjosi
 - Salmonellosi (salmonella zoonotika)
 - Trikinellosi
 - E. coli verotossigenika
 - Viremija tar-rebbiegħa tal-karpjun (SVC)
 - Settiċemija emorraġika virali (VHS)
 - Infezzjoni bil-virus erpete tal-Koi (KHV)
 - Infezzjoni bil-*Bonamia ostreae*
 - Infezzjoni bil-*Marteilia refringens*
 - Marda tal-*white spot* fil-krustaċji.
-